**30 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Evelyn Cuschieri

*versus*

Mary Mercieca

**"Vie di Fatto".**

*Huwa veru illi l-kliem "vie di fatto" kienu ġew interpretati bħala li ma jfissrux li l-aġent jeħtieġ li jkollu l-ħsieb li jinġurja, jimmolesta jew jagħmel ħsara, peress li fil-kontravvenzjonijiet il-volontarjetà hi biżżejjed; però din l-interpretazzjoni għandha tiġi valjata ormaj fid-dawl tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk, min isib ruħu aggredit u jiddefendi ruħu, ma għandux jinstab ħati ta' "vie di fatto".*

Il-Qorti:— B'sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 1962, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmija Mercieca ħatja talli kkommettiet "vie di fatto" fuq l-imsemmija Cuschieri, billi ħabtet għaliha, u ġiet liberata kondizzjonatament, ċjoè bil-kondizzjoni li ma tagħmelx kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur, u ġiet kundannata għall-ħlas tal-ispejjeż;

L-imsemmija Mercieca appellat, u talbet li s-sentenza tiġi revokata, u li hi tiġi misjuba mhux ħatja u liberata inkondizzjonatament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi rettament valjati jirriżulta, għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet il-kwerelanti li pprovokat dan l-inċident, billi bdiet biex qalet kliem li kienu evidentement stokkata malizzjuża għall-kwerelata, tant li din fehmitha u rrispondiet "per le rime", u l-kwerelanti allura rrintuzzat il-kliem; mhux biss, imma marret fuq il-kwerelata u ħabtet għaliha. Din allura ddefendiet ruħha. Għall-inġurji ħadd ma fittex, stante l-ovvja kompensazzjoni. Il-kwerelanti stess ġiet kundannata għal "vie di fatto", bla

ma appellat. Issa l-punt hu jekk da parti tal-kwerelata kienx hemm il-"vie di fatto" li sabet il-Qorti;

Hu veru, "in diritto", li l-kliem tat-test taljan antik "vie di fatto tendenti ad ingiuriare, molestare o nuocere.." (art. 340 no. 4 ta' qabel l-Ediz. Riv.) kienu ġew interpretati bħala li ma jfissrux li l-aġent jeħtieġ li jkollu l-intenzjoni jinġurja, jimmolesta jew jagħmel ħsara, peress li fil-kontravvenzjoni l-volontarjetà hi biżżejjed, u li l-kelma "tendenti" kienet riferibbli mhux għall-aġenti, imma għall-"attijiet" (ara App. Krim. 'Pul. vs. Zimmermann et.", 8 ta' Novembru 1897); liema interpretazzjoni għandha tiġi varjata ormaj fid-dawl tat-test ingliż u malti kif jinsab il-lum fl-Edizzjoni Riveduta, art. 353(d) Kap. 12;

Però, fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ kienet il-kwerelanti li oriġinat l-inċident, u kienet hija li marret fuq il-kwerelata biex taħbat għaliha; u għalhekk, anki jekk wieħed iżomm ruħu fit-termini stretti tal-volontarjetà biss, malament jista' jiġi ritenut li l-attijiet li in segwitu għall-aggressjoni tal-kwerelanti għamlet il-kwerelata kienu "tendenti a nuocere", u mhux pjuttost, u aktar ġustament "tendenti a difendersi", ċjoè biex wieħed jirripara ruħu kontra l-kolpi tal-aggressur. F'dawn iċ-ċirkustanzi din il-Qorti hi ta' fehma li r-reat addebitat lill-kwerelata bil-kwerela ma avverax ruħu;

**Għalhekk tiddeċidi;**

**Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellanti mhux ħatja, u tordna li tiġi liberata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, tassabbli "uti infra", jitħallsu mill-kwerelanti appellata. Tnax il-xelin għas-seduta tat-23 ta' Ġunju 1962, u għaxar xelini għal dik tal-lum.**